MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2008

Numru 5411/2008

**Margaret Zahra (ID 252451M) f'isem u in rappresentanza ta' binha minuri Mark Anthony Zahra ta' sittax-il sena**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali tal-25 ta' Frar 2008, maghmul fit-termini ta' l-Artikolu 541(3) tal-Kodici Kriminali, li permezz tieghu l-istess Avukat Generali talab li din il-Qorti tannulla d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Frar 2008 (fol. 19 tal-atti) jew, alternattivament, tirrevoka l-istess decizjoni u tichad it-talbiet ta' Margaret Zahra maghmula f'isem binha Mark Anthony Zahra;

Rat l-imsemmija decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta’ Frar 2008, li permezz taghha laqghet it-talba ta’ Margaret Zahra maghmula skond ma jipprovdi l-Artikolu 541(1) tal-imsemmi Kodici sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jigi ordnat jistitwixxi proceduri gudizzjarji kontra P.C. 99 Mario Portelli talli (1) l-imsemmi Portelli kkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Mark Anthony Zahra kif ukoll talli (2) bhala ufficjal pubbliku naqas milli jhares li ma jigix kommess reat li huwa stess kellu d-dmir li jara li ma jigix kommess;

Semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet (Dott. Lara Lanfranco ghall-Avukat Generali u Dott. Edward Gatt ghall-intimata Zahra) fl-udjenza tad-29 ta’ Frar 2008;

Ikkunsidrat:

L-ewwel ilment ta’ l-Avukat Generali fir-rikors tieghu hu li ghall-udjenza tal-21 ta’ Frar il-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx gie notifikat skond il-ligi. Issa, ghalkemm tali notifika ma tirrizultax mill-atti, fl-udjenza tad-29 ta’ Frar 2008 id-difensur tar-rikorrent lealment ammettiet li effettivament il-Kummissarju tal-Pulizija kien gie notifikat ghall-udjenza tal-21 ta’ Frar 2008 u, minhabba xi tahwida amministrattiva, l-imsemmi Kummissarju jew rapprezentant tieghu baqghu ma dehrux. Ghalhekk din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tikkunsidra aktar dana l-ilment, u dan anke in vista tal-fatt li din il-Qorti fi kwalunkwe kaz semghet il-provi kollha li kellhom xi jressqu l-partijiet. Jigi precizat biss li huwa dejjem desiderabbli li n-notifiki jirrizultaw mill-atti. Hekk ukoll, per ezempju, id-digriet tal-Qorti Inferjuri tal-21 ta’ Frar 2008 kellu jigi notifikat permezz tar-registratur mhux biss lill-Kummissarju tal-Pulizija (Art. 541(1)) izda anke lill-Avukat Generali (Art. 541(3)) – fil-kaz ta’ dan ta’ l-ahhar fi zmien jumejn tax-xoghol – izda mill-atti ebda wahda minn dawn in-notifiki ma tirrizulta.

Fil-meritu, din il-Qorti semghet bil-gurament kemm lil Margaret Zahra kif ukoll lill-minuri Mark Anthony Zahra – l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija ma ressqu ebda provi hlief ghal kopja ta’ sentenza moghtija fil-

konfront ta' Mark Anthony Zahra riferibbilment ghall-incident li fih allegatament P.C. 99 Mario Portelli sawwat lill-imsemmi Mark Anthony Zahra. Mill-kumpless tal-provi, u minkejja l-imsemmija sentenza, din il-Qorti hija tal-fehma li *prima facie* hemm lok ghall-kwerela li saret fil-konfront ta' l-imsemmi kuntistabbli P.C. 99 Mario Portelli. Ghalhekk ma hemmx lok li tigi revokata d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Frar 2008 sabiex jinbdew proceduri kriminali kontra P.C. 99 Mario Portelli.

Ghall-motivi premessi, tichad it-talbiet ta' l-Avukat Generali kif kontenuti fir-rikors tieghu tal-25 ta' Frar 2008 u tikkonferma d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Frar 2008 li permezz tieghu il-Kummissarju tal-Pulizija gie ordnat jipprocedi kriminalment kontra P.C. 99 Mario Portelli fuq l-akkuzi kif indikati fir-rikors ta' Margaret Zahra tal-20 ta' Novembru 2007.

Notifika immedjata ta' dan il-provvediment lill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti tordna wkoll komunika ta' l-istess lir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, sabiex jiehu hsieb li n-notifiki u l-komuniki jibdew jigu debitament inseriti fl-atti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------